*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 14– 27 ta' Frar 2025**

***Minuti tal-erbatax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-27 ta' Frar 2025 fis-7:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sebgħa ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 14. Il-laqgħa bdiet fis-7:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**Pubbliku:** Paul Bugeja

14.1 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2024

Preżenti għal-laqgħa kien hawn għal darb'oħra l-awditur Paul Bugeja sabiex jirrispondi fi stadju ta' kumitat, mistoqsijiet tal-kunsilliera dwar ir-rapport finanzjarju.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li fl-aħħar jiem kien hemm kunsilliera li talbu aktar informazzjoni li ġiet mgħotija lilhom.
Il-Kunsillier Mario Attard qal li l-punti kellu ġew eżawriti, filwaqt li l-Viċi Sindku Joseph Agius qal li jinsab sodisfatt bil-preżentazzjoni ta' dan ir-rapport.

Għaldaqstant is-Sindku Steve Zammit Lupi ressaq riżoluzzjoni speċjali sekondata mill-Kunsillier Mario Attard, li tgħid li fid-dawl tal-kjarifiki li saru dwar ir-rapport finanzjarju tal-2024, huwa kien qed jipproponi li dan ikun approvat.

Ittieħed vot.

Dawk Favur: is-Sindku Steve Zammit Lupi, il-Kunsillier Mario Attard, il-Viċi-Sindku Joseph Agius, Il-Kunsilliera Aryton Mizzi, Paul Baldacchino, Dr. Paul Mazzola, George Cortis u Dr. Elizabeth Zammit Lupi

Astensjonijiet; Il-Kunsillier Philip Scicluna

Ir-rapport finanzjarju kien approvat.

**Affarijiet oħra**

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li hemm żewġ palmiet żgħar u waħda kbira li għandhom bżonn jinqalgħu minn wara l-monument ta' Dun Karm. Ġie deċiż unanimament li toħroġ espressjoni ta' nteress. U min ikollu l-ogħla offerta jkun jista jinxtriha. Minħabba li hemm il-bżonn li jkun hemm aktar open space, mafkar hemm fl-istess soft area ser jiċċaqlaq għal Ġnien it-Tfulija. Wara li ġie spjegat liema mafkar hu, kien hemm deċiżjoni unanima li dan jiċċaqlaq hemm.

Kien hemm l-approvazzjoni wkoll li tkun ordnata maduma bl-emblema ta' Ħaż-Żebbuġ b'diameter ta' 1.5 metri għal valur ta'madwar Eur2000.

14.2 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-8:00pm.

**Steve Zammit Lupi**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**